MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2008

Numru 213/2005

**Il-Pulizija**
**Sp Jesmond Borg**
**vs**
**Emanuela Buhagiar**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Emanuela Buhagiar ta’ 49 sena mwielda Valletta nhar l-1 ta’ Frar 1955 u residenti ‘RayLil’ Door Street Fgura, ID 119255M.**

**Akkuzata talli nhar l-Erbgha 21 ta’ Ottubru 2004 ghall-habta ta’ 12.30pm gewwa Triq il-Bieb Fgura, volontarjament hassret jew gharrqet jew kkagunata hsara lill-propjeta privata, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal iktar minn LM50 ghad-dannu ta’ Rita Spiteri mill-Fgura fuq il-vettura ta’ l-ghamla Suzuki ta’ mudell Super Carry bin-numru tar-**

**registrazzjoni DAE 767 u dana bi ksur ta' l-Artikolu 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ma obdietx l-ordnijiet legittimi ta' awtorita' lejn ta' wiehed li jkun inkarigat mis-servizz pubbliku jew ma hallietux jew fixklitu waqt li jkun qed jaghmel dmijirietu, jew b'xi mod iehor bla jedd indahlet fi dmirijietu minghajr ma hallietu jaghmel dak li bil-ligi jkun ordnat li jaghmel u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra li tapplika l-piena stabbilita mil-ligi, tapplika wkoll l-Artikolu 383 tal-Kap 9.**

**Rat l-atti kollha tal-process inkluz il-kunsens ta' l-Avukat Generali u anke dak ta' l-imputata sabiex dawn il-proceduri jkunu sommarji.**

**Semghet ix-xhieda bil-gurament.**

**Fis-seduta ta' llum l-imputata ddecidiet li tammetti z-zewg imputazzjonijiet dedotti kontrieha, liema ammissjoni hija kkonfermat wara li nghatat zmien xieraq biex tahsibha. Stante li saret din l-ammissjoni, allura z-zewg imputazzjonijiet gew ppruvati skond il-ligi.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 325(b) tal-kap 9 u 338 (e)(e) tal-Kap 9 ssib lill-imputata hatja taz-zewg imputazzjonijiet dedotti kontra taghha, izda stante l-ammissjoni li saret llum, kif wkoll il-fedina penali netta, flok tikkundannha qed tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmel ebda reat iehor fi zmien sentejn millum. Il-Qorti spjegat l-Artikolu 22 tal-Kap 446 lill-imputata fi kliem semplici.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------